FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 29 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 1419/01 AJD**

**Massimo Bezzina**

**vs**

**Antonella Cilia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u erbatax il-centezmu (Lm327.14) bhala danni li sofra l-attur meta waqt li kien qed isuq il-vettura Hyundai numru DAD 863 gewwa Triq Santa Katerina, Gharghur, fid-direzzjoni lejn San Gwann fuq in-naha tieghu tat-triq, f'daqqa wahda giet il-vettura Citroen bin-numru tar-registrazzjoni ICE 181 'wrong way' misjuqa mill-konvenuta, u habtet mal-vettura tal-attur kif jidher fl-iskizz tal-Pulizija.
Bl-ispejjes, kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi:-

1. Qed tikkontesta t-talba billi ghall-incident 'de quo' kien responsabbli Massimo Bezzina.

Bl-ispejjes.

Ra l-kontro-talba prezentata mill-konvenuta fejn hija talbet li l-attur jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm381.84) bhala danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tal-14 ta' Lulju, 2001, billi ghall-incident 'de quo' kien jahti unikament l-istess attur.
Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra l-attur.

Ra r-risposta prezentata mill-attur ghall-kontro-talba prezentata mill-konvenuta fejn huwa eccepixxa li l-incident 'de quo' kien gara unikament tort tal-konvenuta u ghalhekk il-kontro-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Jolene Caruana, ta' PC 1234 Brian Bugeja u tal-konvenuta Antonella Cilia. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:-
1. Illi l-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fl-14 ta' Lulju, 2001, fi Triq Santa Katerina, il-Gharghur, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAD 863 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ICE 181 misjuqa mill-konvenuta.

2. Illi l-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni DAD 863 fil-lokalita' msemmija gej mill-Gharghur u sejjer fid-direzzjoni ta' San Gwann. Waqt li kien qed jipprocedi fuq sajdu, fuq in-naha tax-xellug tat-triq u kien wasal ghall-liwja li hemm fi Triq Santa Katerina, giet il-vettura tal-konvenuta mid-direzzjoni opposta, parzjalment fuq il-karreggjata li fiha kien qed isuq l-attur u sehhet il-kollizjoni. L-attur jghid li malli l-konvenuta lemhitu, hija pruvat tigbed il-barra, izda inutilment. Huwa jghid ukoll li huwa kien wieqaf qabel ma sehh l-impatt. Il-konvenuta laqtet il-vettura tal-attur fuq il-'bumper' u l-'mudguard' tal-lemin u dan bil-bieba ta' wara tan-naha tal-lemin tal-vettura taghha. Dejjem skond l-attur, il-konvenuta kienet qed issuq b'velocita' eccessiva filwaqt li huwa kien qed isuq b'velocita' ta' madwar ghoxrin (20) km fis-siegha.

3. Illi l-attur produca bhala xhud lil Jolene Caruana li kienet passiggiera mal-konvenuta. Din ix-xhud sostniet li malli waslu fil-liwja li hemm fi Triq Santa Katerina, l-konvenuta kienet qed issuq b'velocita' eccessiva u bi tlett kwarti tal-vettura fuq in-naha hazina tat-triq.

4. Illi l-konvenuta xehdet li fid-data tal-incident kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni ICE 181 fi Triq Santa Katerina gejja mid-direzzjoni ta' San Gwann u sejra fid-direzzjoni tal-Gharghur. Malli waslet fil-liwja li hemm fit-triq, rat il-vettura tal-attur li kienet qed tinstaq fuq il-karreggjata taghha u dan sabiex tevita sigra li kien hemm qed tisporgi fuq it-triq u sehhet il-kollizjoni. Hija tghid ukoll li l-vettura tal-attur ratha tul ta' karozza l-boghod u kienet gejja b'velocita' normali. Meta rat il-vettura tal-attur l-ewwel darba, huwa kien fuq sajdu izda imbaghad sporga l-barra sabiex jevita s-sigra li kien hemm fuq in-naha tieghu tat-triq.

5. Illi z-zewg sewwieqa t-tnejn qeghdin jallegaw li kienu fuq sajdhom fil-mument tal-impatt filwaqt li s-sewwieq l-iehor kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq. Iz-zewg sewwieqa t-tnejn xehdu b'mod konvincenti. Inoltre x-xhieda tal-attur giet korroborata mix-xhieda ta' Jolene Caruana kif inghad aktar il-fuq. It-Tribunal izda huwa tal-fehma li l-ebda wahda mill-verzjonijiet taz-zewg partijiet u tax-xhud imsemmija m'hija korretta.

6. Jibda biex jinghad li l-entita' tad-danni fiz-zewg vetturi tindika li l-ebda wiehed minnhom ma kien qed isuq b'velocita' eccessiva. F'dan ir-rigward, ix-xhieda tal-konvenuta fis-sens li z-zewg vetturi kienu qed isuqu b'velocita' normali hija aktar sinonima mal-entita' tad-danni u kwindi aktar kredibbli.

7. Illi l-partijiet qablu li l-hsara fil-vettura tal-attur kienet fil-ponta ta' quddiem tan-naha tal-lemin filwaqt li l-hsara fil-vettura tal-konvenuta kienet fil-bieba ta' wara tan-naha tal-passiggier. Fil-fehma tat-Tribunal dan jindika li qabel ma sehh l-impatt iz-zewg sewwieqa kienu t-tnejn qeghdin isuqu 'on the crown of the road'. L-attur probabilment kien qed isuq f'din il-posizzjoni sabiex ikollu vizwali ahjar minhabba s-sigra li kien hemm tisporgi fuq in-naha tieghu tat-triq.

8. Illi li kieku kellha titwememn il-verzjoni li ta l-attur ta' kif sehh l-incident, u cioe' li l-konvenuta kienet qed issuq kwazi kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq, il-kollizjoni kienet tkun wahda frontali u l-hsara kienet tkun fuq quddiem taz-zewg vetturi.

9. Illi l-hsarat fiz-zewg vetturi jindikaw li z-zewg vetturi kienu t-tnejn qeghdin jinstaqu 'on the crown of the road', u li l-konvenuta pruvat tersaq il-barra fl-ahhar mument sabiex tevita l-vettura tal-attur.

10. Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jirritjeni li z-zewg sewwieqa huma t-tnejn ugwalment responsabbli ghall-incident 'de quo'.

11. Illi l-partijiet it-tnejn iddikjaraw li ma kienux qed jikkontestaw il-‘quantum’ tad-danni reklamati u inoltre t-tnejn esibew id-dokumenti relattivi ghall-hsarat sofferti fil-vetturi propjeta’ taghhom.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi illi l-attur u l-konvenuta huma responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-14 ta’ Lulju, 2001, fi kwoti ndaqs u konsegwentement jilqa’ t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta’ mija u tlieta u sittin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm163.57) u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur din is-somma ta’ mija u tlieta u sittin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm163.57), bl-imghaxijiet kif mitluba, u jilqa’ l-kontro-talba tal-konvenuta limitatament ghall-ammont ta’ mija u disghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm190.92), u jikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta dan l-ammont ta’ mija u disghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm190.92), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes jithallsu ugwalment bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**